MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2008

Talba Numru. 798/2007

**GO p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Gaetano Zammit**
**(ID 496267-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta` Ottubru, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' €1,451.45c (Euros) gia` Lm623.11c, rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku li jgib in-numru 21311538 (kont numru AC40003421) u dana kif jirrizzulta minn dokumenti annessi ma` l-istess avviz markati Dok. A, Dok. B u Dok. C.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment l-istess konvenut ma deherx la fis-seduta tad-29 ta` Frar, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` €1,451.45c (Euros), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------